MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 434/2013

**Dennis Ciantar**

**vs**

**Rena Bartolo**

Fl-atti tar-Rikors Mahluf numru 559/2007 fl-ismijiet:

Dennis Ciantar

vs

Rena Bartolo

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta’ Rena Bartolo datat it-8 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu intavolat ir-rikors *de quo* bil-ghan li tirrevoka z-zewg (2) mandati ta’ sekwestru kawtelatorju fuq riferiti;

2. Illi l-mandati riferiti fil-paragrafu precedenti huma intizi biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet ta' Dennis Ciantar – l-intimat ojdern – rigwardanti procedura ohra li tirrigwarda t-talba tal-imsemmi Ciantar ghall-hlas ta' danni in konnessjoni ta' thassir t'eghrusija;

3. Illi skont l-istess rikorrenti odjerna Bartolo, il-kawza intavolata mill-intimat odjern Ciantar hi bbazata fuq pretensjonijiet vessatorji;

4. Illi in effetti skont ir-rikorenti odjerna, fl-istess procedura lanqas biss jirrizulta li hemm xoljiment t'eghrusija – anke billi lanqas jirrizulta li hemm eghrusija;

5. Illi kwalsiasi relazzjoni li kien hemm spiccat minhabba tortijiet unici risalenti ghall-intimat Ciantar;

6. Illi in effetti ftit wara li giet terminata r-relazzjoni sentimentali bejn il-kontendenti, l-intimat odjern beda relazzjoni ohra li minnha kellu t-tfal;

7. Illi llum l-istess intimat ghandu l-familja tieghu;

8. Illi ghalhekk il-pretensjoni li fuqha jistriehu l-mandati kawtelatorji in dizamina m'humiex *prima facie* gustifikati;

9. Illi *di piu`*, l-istess mandati kawtelatorji qed ihallu effett negattiv kbir fuq ir-rikorenti Bartolo billi:

9.1. Ma tistax tibda l-hajja taghha;

9.2. Ma tistax tissellef minn bank biex tixtri dar;

9.3. Qed tirrovina l-eta` giovanili taghha;

9.4. Qed ittawwal inutilment iz-zmien taghha biex tibda familja;

9.5. Finanzjarjament ma tista' taghmel xejn;

9.6. Ghandha parti sostanzjali tas-salarju taghha inutilment sekwestrat mensilment;

10. Illi l-intimat Cantar qed jivvessha;

11. Illi mhux gust li mandat kawtelatorju jintuza "ghall-iskop ta' tghawwig tad-dirghajn";

12. Illi oltre s-suespost giet ukoll depozitata fil-qorti somma ta' kwazi hames elef Ewro, (€5,000.00), u ghalhekk kull pretensjoni, anke jekk frivola, tal-intimat Ciantar, hi sufficjentement tutelata;

13. 0. Ghaldaqstant ir-rikorrenti Bartolo taderixxi din il-qorti biex *ai termini* tal-artiklu 836 (b) (c) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

13.1. Tirrevoka u thassar il-mandati ta' sekwestru kawtelatorji enumerati 748/2007 u 256/2013;

13.2. Bl-ispejjez kontra l-intimat Ciantar;

14.0. Rat ir-risposta tal-intimat Dennis Ciantar datata l-14 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

14.1. Illi fl-ewwel lok il-kawza riferita mir-rikorrenti, (ara paragrafu numru tlieta (3) aktar qabel), ghadha pendenti;

14.2. Illi l-ewwel sekwestru kawtelatorju kien gie pprezentat kontestwalment mal-istess kawza;

14.3. Illi rizultat ta' dan, ir-rikorrenti Bartolo kienet biddlet l-impjieg taghha biex il-mandat *de quo* ma jibqax operattiv;

14.4. Illi ghalhekk kellu jinhareg mandat kawtelatorju sussegwenti:

14.5. Illi meta ibbollat il-proceduri inoltrati kontriha bhala "vessatorji" ir-rikorrenti qed taghmilha t'imhallef;

14.6. Illi l-unika azzjoni vessatorja kienet dik inoltrata mir-rikorrenti Bartolo li effettivament giet deciza kontra taghha;

14.7. Illi sussegwentement kien hemm tentattiv ta' transazzjoni bejn il-partijiet li ma irnexxiex;

14.8. Illi kemm –il darba l-mandati *de quo* jitnehhew, l-intimat Ciantar kien ser isofri pregudizzju billi s-somma depozitata mhix wahda sufficjenti biex tkopri l-pretensjonijiet tieghu;

14.9. Illi mhux minnu li ma kienx hemm eghrusija bejn il-kontendenti stante li l-kawza inoltrata mill-istess rikorrenti kontra l-intimat kienet ibbazata fuq il-premessa li hi kienet harget flus biex tixtri oggetti u rrangat il-fond proprjeta` tal-intimat bil-ghan li wara li jizzewgu, jghixu fih;

14.10. Illi ghaldaqstant jitlob is-segwenti:

14.10.1. Illi tichad it-talba tar-rikorrenti Bartolo ghar-revoka tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorji 748/2007 u 256/2013;

14.10.2. Illi tikkonferma l-validita` ta' dawn is-sekwestri skont il-ligi;

14.10.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

15. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi minn ananlizi tal-atti u tat-trattazzjoni fuq riferita jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi l-kontendenti ilhom ghaddejjin b'din is-saga superficjali ta' bejniethom sa mill-anqas l-2007 – data ta' meta infethet kawza minn Bartolo kontra Ciantar u meta

Ciantar hareg l-ewwel mandat kawtelatorju kontra l-istess Bartolo;

16.2. Illi jekk xi darba kien hemm xi sentimenti posittivi bejn il-kontendenti dawn zgur gew konsenjati lill-istorja;

16.3. Illi l-uniku sentiment issa riskontrat hu dak ta’ pika irragonevoli li mhix tippermetti lill-kontendenti jirragunaw b’dik il-limpidezza li s-socjeta` civili tesigi;

16.4. Illi l-intimat odjern Ciantar ilu li biddel ir-rotta sentimentali tieghu stante li jirrizulta li ilu li waqqaf nukleu familjari separat – komplut bil-frott naturali li tali nukleu generalment iwassal ghalih;

16.5. Illi min-naha taghha r-rikorrenti Bartolo temfasizza li trid tkompli tghix hajjitha fil-liberta` minghajr ma tibqa’ vessata bil-kwantita` irragonevoli ta’ proceduri riskontrati li qed johonqulha l-ezistenza libera taghha;

Ikkunsidrat:

17. Illi ghandu jinghad li kull individwu ghandu d-dritt li jghix fil-liberta` u li jibda u jittermina kwalunkwe relazzjoni li jidhirlu/jidhrilha xierqa minghajr ma jbati l-konsegwenzi ta’ reazzjoni vessatorjament soffokanti bhal ma jidher li qed jagixxi biha l-intimat odjern Ciantar;

18. Illi *di piu`*, jidher *prima facie* li s-somma depozitata mir-rikorrenti Bartolo hi pjuttost sufficjenti ghall-pretensjonijiet vantati mill-intimat, anke fid-dawl tal-offerta tieghu li jilhaq xi forma ta’ kompromess jekk ir-rikorrenti ma tappellax mis-sentenza minnu riferita fir-risposta tieghu, (ara fol 21);

**DECIDE:**

19.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, u in vista tal-fatt li din il-qorti, ilha inutilment temfasizza mal-kontendenti li din mhix l-ahjar soluzzjoni ghas-saga li ghazlu li jidhlu ghaliha, hi konvinta li r-rikorrenti Rena

Bartolo ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement filwaqt li qed tirrespingi r-risposti sollevati mill-intimat Dennis Ciantar, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Rena Bartolo u ghalhekk, in vista tal-artiklu 836 (b) (c) (d) u (f), senjatament li:

19.1.M'hemmx l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-hrug tal-mandati kawtelatorji in dizamina;

19.2.Hemm garanzija ohra xierqa biex tissodisfa xi pretensjonijiet sollevati mill-intimat;

19.3.L-ammont originarjament mitlub mill-intimat mhux *prima facie* gustifikat u anke eccessiv;

19.4.Mhux regonevolemnt gustifikat li jinzammu fis-sehh il-mandati *de quo*;

20.0. Illi konsegwentement taqta' u tiddeciedi li:

20.1. Tirrevoka u thassar il-mandati ta' sekwestru kawtelatorji enumerati 748/2007 u 256/2013;

20.2. Bl-ispejjez kontra l-intimat Dennis Ciantar.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------